# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

21 ta' Ġunju 2007*

Fil-kawża C-173/05,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu taħt l-Artikolu 226 KE, imressaq fid-19 ta' April 2005,

**Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,** irrappreżentata minn E. Traversa u J. Hottiaux, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

**Ir-Repubbblika Taljana,** irrappreżentata minn I. M. Braguglia, bħala aġent, assistit minn A. Cingolo, avvocato dello Stato, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn C. W. A. Timmermans, President ta' l-Awla, R. Schintgen, P. Kūris, J. Makarczyk (Relatur) u L. Bay Larsen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Léger,
Reġistratur: R. Grass,

wara li rat il-proċedimenti bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2006,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, billi stabbiliet u żammet fis-seħħ it-"taxxa ambjentali" fuq il-pajpijiet tal-gass imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Liġi Reġjonali ta' Sqallija Nru 2, Dispożizzjonijiet programmatiċi u finanzjarji għas-sena 2002, (legge n. 2, Disposizioni programmatiche e finanziarie per l'anno 2002), tas-26 ta' Marzu 2002 (GURS Nru 14, tas-27 ta' Marzu 2002, parti I, p. 1, iktar 'il quddiem il-"liġi ta'

Sqallija"), ir-Repubblika Taljana naqset mill-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 23 KE, 25 KE, 26 KE u 133 KE kif ukoll taħt l-Artikoli 4 u 9 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija, iffirmat f'Alġiers fis-26 ta' April 1976 u approvat f'isem il-Komunità permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2210/78, tas-26 ta' Settembru 1978 (ĠU L 263, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Kooperazzjoni").

## Il-kuntest Ġuridiku

### *Il-leġiżlazzjoni Komunitarja*

Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni

2 Skond l-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim:

"L-għan ta' dan il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Alġerija huwa li jippromwovi kooperazzjoni sħiħa bejn il-partijiet kontraenti bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' l-Alġerija u tgħin għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn il-Partijiet. Għal dan il-għan dispożizzjonijiet u miżuri għandhom jiġu adottati u implimentati fil-qasam ta' kooperazzjoni ekonomika, teknika u finanzjarja, u fl-oqsma tal-kummerċ u dawk soċjali."

3 Skond l-Artikolu 4(1) ta' dan il-Ftehim, il-kooperazzjoni bejn il-Komunità u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija għandha bħala għan li tiffavorixxi, b'mod partikolari:

"[...]

— il-marketing u l-promozzjoni tal-bejgħ ta' prodotti esportati mill-Alġerija,

— [...]

— fir-rigward ta' l-enerġija, il-parteċipazzjoni minn operaturi tal-Komunità fi programmi għall-esplorazzjoni, produzzjoni u proċessar tar-riżorsi ta' l-enerġija ta' l-Alġerija u kull attivitajiet li jistgħu jiżviluppaw dawn ir-riżorsi fuq il-post, u l-prestazzjoni kif imiss ta' kuntratti fuq perijodu twil ta' żmien għat-twassil ta' prodotti taż-żejt, gass jew żejt mhux raffinat bejn l-operaturi tagħhom,

[...]"

4 L-Artikolu 9(1) tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni jipprovdi li "il-prodotti li joriġinaw fl-Alġerija li m'humiex elenkati fl-Anness II li jinsab mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea għandhom ikunu importati fil-Komunità ħielsa minn restrizzjonijiet kwantitattivi u miżuri li jkollhom effett ekwivalenti, u [minn] dazji doganali u piżijiet li jkollhom effett ekwivalenti".

5 Il-metanu huwa wieħed mill-prodotti msemmija fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni.

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

6 L-Artikolu 6 tal-liġi ta' Sqallija jipprovdi li:

"[...]

1. Hija mwaqqfa taxxa ambjentali bil-għan li jiġu ffinanzjati investimenti intiżi għat-tnaqqis u għall-prevenzjoni tar-riskji għall-ambjent li jirriżultaw mill-preżenza ta' pajpijiet tal-gass li jkun fihom il-metanu installati fuq it-territorju tar-Reġjun ta' Sqallija. Id-dħul minn din it-taxxa għandu jservi sabiex jiġu ffinanzjati inizzjativi favur l-ippreżervar, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità ta' l-ambjent, b'mod partikolari fiż-żoni li minnhom jgħaddu dawn il-pajpijiet.

[...]

3. [...] Il-fatt li jagħti lok għal din it-taxxa huwa d-dritt ta' proprjetà tal-pajpijiet tal-gass, li jkun fihom il-gass, li jaqsmu t-territorju tar-Reġjun ta' Sqallija.

4. Huma suġġetti għal din it-taxxa l-proprjetarji tal-pajpijiet tal-gass ikklassifikati bħala pajpijiet tat-tip 1 imsemmija fil-paragrafu 3 li jeżerċitaw mill-inqas waħda mill-attivitajiet li ġejjin: trasport, distribuzzjoni, bejgħ u xiri.

5. Għall-finijiet tat-taxxa, pajp tal-gass iffisser l-agglomerazzjoni ta' pajpijiet, tidwir, ġonot, valvi u komponenti speċjali oħra li flimkien iservu għat-trasport u d-distribuzzjoni tal-gass naturali.

6. Il-bażi ta' stima tat-taxxa hija kkostitwita mill-volum, imkejjel f'metri kubi, tal-pajpijiet tal-gass ikklasifikati bħala pajpijiet tat-tip 1 skond id-Digriet Ministerjali ta' l-24 ta' Novembru 1984 li jirregola, minħabba raġunijiet ta' sigurtà, l-installazzjonijiet ta' trasport u ta' distribuzzjoni ta' gass naturali bil-pajpijiet.

7. It-taxxa tiġi ddeterminata għall-perijodu taxxabbli annwali fuq il-bażi ta' stima msemmija fil-paragrafu 6.

[...]

10. It-taxxa hija dovuta mill-persuni taxxabbli msemmija fil-paragrafu 4 kull sena ċivili, proporzjonalment max-xhur tas-sena li fihom dawn kienu proprjetarji;

[...]"

7 Skond il-punt 1.3 tas-Sezzjoni 1 tad-Digriet Ministerjali ta' l-24 ta' Novembru 1984 (supplement normali tal-GURI Nru 12, tal-15 ta' Jannar 1985), il-pajpijiet ta' tip 1 huma l-pajpijiet bi pressjoni ta' aktar minn 24 bar.

**Il-proċedura prekontenzjuża**

8 Matul is-snin 2002 u 2003, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Taljani xi kjarifiki dwar kif kellha tiġi applikata t-taxxa ambjentali mwaqqfa mil-liġi ta' Sqallija.

9 B'ittra tad-9 ta' Settembru 2003, l-awtoritajiet Taljani informaw lill-Kummissjoni li, safejn it-Tribunal Amministrattiv Reġjonali tal-Lombardija kien ikkunsidra li l-imsemmija liġi kienet tmur kontra r-regoli tad-dritt Komunitarju, it-taxxa ma kinitx ġiet applikata b'mod konkret fis-sistema legali Taljana.

10 Billi kkunsidrat li l-osservazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq la kienu eżawrjenti fil-fatt u lanqas fondati fid-dritt, fid-19 ta' Diċembru 2003, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Taljana, li fiha hija osservat li t-taxxa in kwistjoni kienet tmur kontra l-Artikoli 23 KE, 25 KE, 26 KE, u 133 KE, kif ukoll kontra l-Artikoli 4 u 9 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni.

11 Peress li baqgħet ma ngħatatx tweġiba għall-ittra ta' intimazzjoni, minkejja l-proroga tat-terminu mogħti, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata, fid-9 ta' Lulju 2004, fejn stiednet lir-Repubblika Taljana sabiex tadotta l-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha ma' l-imsemmija opinjoni fi żmien xahrejn minn meta tirċeviha.

12 Peress li r-Repubblika Taljana ma weġbitx għall-imsemmija opinjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq dan ir-rikors.

## Fuq ir-rikors

*L-argumenti tal-partijiet*

13 Il-Kummissjoni ssostni, fl-ewwel lok, li fit-territorju tar-Reġjun ta' Sqallija teżisti infrastruttura waħda biss ta' pajpijiet tal-gass li jittrasportaw gass naturali li tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-impożizzjoni tat-taxxa previsti mil-liġi Taljana. L-imsemmija infrastruttura, li hija konnessa mal-pajpijiet tal-gass transmediterranji, tittrasporta gass naturali li jiġi mill-Alġerija, bil-għan, minn naħa, tad-distribuzzjoni u tal-konsum tiegħu fit-territorju Taljan u, min-naħa l-oħra, ta' l-esportazzjoni tiegħu lejn Stati Membri oħra.

14 Il-Kummissjoni ssostni li, fid-dawl tal-formulazzjoni tal-liġi ta' Sqallija, l-għan reali tat-taxxa in kwistjoni huwa li tolqot mhux l-infrastruttura bħala tali, iżda l-prodott ittrasportat, jiġifieri l-metanu. Fil-fatt, skond il-leġiżlazzjoni Sqallija, minn naħa, il-fatt li jagħti lok għal din it-taxxa huwa d-dritt ta' proprjetà tal-pajpijiet tal-gass li jkun fihom dan il-gass u, min-naħa l-oħra, il-persuni suġġetti għal din it-taxxa huma l-proprjetarji tal-pajpijiet tal-gass li jwettqu mill-inqas waħda mill-attivitajiet ta'

trasport, ta' bejgħ jew ta' xiri ta' gass. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tippreċiża li l-bażi taxxabbli hija kkostitwita mill-volum tal-pajpijiet tal-gass li jkun fihom il-gass.

15 Għaldaqstant, il-merkanzija li tiġi minn pajjiż terz u li titqiegħed fis-suq jew tkun fi tranżitu fuq it-territorju Taljan hija soġġetta, skond il-Kummissjoni, għal piż finanzjarju li jikkostitwixxi taxxa b'effett ekwivalenti għal dazju doganali fuq l-importazzjoni (fl-ipoteżi li l-gass jiġi importat fil-Komunità) jew fuq l-esportazzjoni (fl-ipoteżi li dan il-gass jiġi ttrasportat lejn Stati Membri oħra). Issa, skond ġurisprudenza stabbilita, l-impożizzjoni ta' taxxi ġodda jew ta' miżuri ekwivalenti fuq il-merkanzija importata direttament minn pajjiżi terzi hija pprojbita (sentenzi tat-13 ta' Diċembru 1973, Indiamex u De Belder, 37/73 u 38/73, Ġabra p. 1609, punti 10 sa 18, u kif ukoll tas-16 ta' Marzu 1983, SIOT, 266/81, Ġabra p. 731, punt 18).

16 Il-Kummissjoni ssostni wkoll li mis-sistema ta' l-unjoni doganali jirriżulta li d-dazji doganali u t-taxxi li għandhom effett ekwivalenti applikabbli għall-merkanzija li tiċċirkola bejn l-Istati Membri huma pprojbiti indipendentement minn kull kunsiderazzjoni ta' l-għan li għalih ġew imposti. Il-kunċett ta' taxxa li għandha effett ekwivalenti għal dazju doganali huwa fil-fatt kunċett ġuridiku oġġettiv tad-dritt Komunitarju (sentenza ta' l-14 ta' Settembru 1995, Simitzi, C-485/93 u C-486/93, Ġabra p. I-2655, punt 14).

17 Il-Kummissjoni ssostni li l-introduzzjoni tat-taxxa ambjentali tikser it-tariffa doganali komuni u, għaldaqstant, l-Artikoli 23 KE, 25 KE, 26 KE u 133 KE, safejn l-imsemmija taxxa tbiddel l-ugwaljanza tal-piżijiet doganali imposti, fil-fruntieri esterni tal-Komunità, fuq il-merkanzija importata minn pajjiżi terzi, bir-riskju konsegwenti ta' żvijar tal-kummerċ fir-relazzjonijiet ma' dawn il-pajjiżi u ta' distorsjonijiet fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-merkanzija jew fil-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn l-Istati Membri (sentenza tat-22 ta' April 1999, CRT France international, C-109/98, Ġabra p. I-2237, punti 22 sa 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 Hija tosserva, fit-tieni lok, li, meta tkun prevista fi ftehim bilaterali jew multilaterali konklużi mill-Komunità ma' wieħed jew iktar pajjiżi terzi sabiex jiġu eliminati l-ostakoli għall-kummerċ, il-projbizzjoni ta' taxxi li jkollhom effett ekwivalenti għal dazji doganali għandha portata identika għal dik rikonoxxuta fil-kuntest tal-kummerċ intrakomunitarju (sentenza tal-5 ta' Ottubru 1995, Aprile, C-125/94, Ġabra p. I-2919, punti 38 u 39).

19 Barra minn hekk, hija tosserva li, skond ġurisprudenza stabbilita, Stat Membru ma jistax japplika dazji ta' tranżitu jew xi taxxa oħra li tirrigwarda l-passaġġ ta' merkanzija fuq it-territorju tiegħu peress li dawn id-dazji jipproduċu effetti ekwivalenti għal dazju doganali fuq l-esportazzjoni (sentenzi SIOT, iċċitata iktar 'il fuq, punti 18, 19 u 23, u kif ukoll tas-27 ta' Frar 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-389/00, Ġabra p. I-2001, punti 50 u 51).

20 Il-Gvern Taljan josserva li t-taxxa in kwistjoni ma tistax tiġi kkunsidrata bħala taxxa b'effett ekwivalenti għal dazju doganali.

21 L-imsemmi Gvern jikkunsidra li l-Kummissjoni ma ħaditx in kunsiderazzjoni l-għan tat-taxxa ambjentali, li għandha tiġi meqjusa bħala li timplementa l-prinċipji fil-qasam ta' l-ambjent li jinsabu fit-Trattat KE, u b'mod partikolari, il-prinċipju ta' prekawzjoni.

22 Il-Gvern Taljan isostni, barra minn hekk, li t-taxxa in kwistjoni għandha karatteristiċi proprji u speċifiċi marbuta mar-rispett tal-prinċipju ta' prekawzjoni.

23 F'dan ir-rigward, huwa jsostni li t-taxxa in kwistjoni għandha titħallas biss jekk il-gass ikun effettivament preżenti fl-infrastruttura u jekk il-proprjetarju jeżerċita waħda mill-attivitajiet ta' trasport, ta' distribuzzjoni, ta' bejgħ jew ta' xiri ta' gass. Dan l-approċċ, għaldaqstant, jirrifletti r-rieda tal-leġiżlatur reġjonali li jintaxxa biss attivitajiet li jippreżentaw riskju potenzjali ta' ħsara għall-ambjent.

24 Il-Gvern Taljan ifakkar li d-dħul mit-taxxa in kwistjoni huwa intenzjonat għall-iffinanzjar ta' l-investimenti intiżi għat-tnaqqis u għall-prevenzjoni tar-riskji potenzjali għall-ambjent li jirriżultaw mill-preżenza ta' l-infrastrutturi installati fit-territorju tar-Reġjun ta' Sqallija. Għaldaqstant, il-ħarsien ta' l-ambjent, li huwa wieħed mill-għanijiet rikonoxxuti bħala fundamentali mid-dritt Komunitarju, huwa l-uniku skop wara t-taxxa in kwistjoni. Din il-konnessjoni intrinsika bejn it-taxxa in kwistjoni u l-għan ambjentali tagħha hija l-prova li ma tistax tiġi kkontestata tan-natura non doganali ta' l-imsemmija taxxa.

25 Barra minn hekk, il-Gvern Taljan jippreċiża li t-taxxa ambjentali ma tolqotx il-merkanzija, iżda esklużivament l-infrastruttura ta' trasport, peress li r-relazzjoni bejn l-ammont tat-taxxa u l-volum ta' gass ittrasportat hija sempliċi parametru tekniku intenzjonat sabiex jistabbilixxi rabta mad-dimensjoni effettiva tar-riskju għall-ambjent. Huwa jżid li l-effett tat-taxxa fuq il-prezz tal-prodott huwa purament potenzjali u ma jiddependix mit-taxxa nnifisha iżda mir-rieda tal-proprjetarju tal-pajp tal-gass.

26 Fid-dawl ta' dak li jippreċedi, il-Gvern Taljan jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċħad ir-rikors bħala infondat.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Osservazzjonijiet preliminari

27 Qabel ma jibda jiġi eżaminat dan ir-rikors, jeħtieġ li jiġi mfakkar li, skond l-Artikolu 23(1) KE, il-Komunità hija bbażata fuq unjoni doganali li tkopri n-negozju kollu tal-merkanzija. Din l-unjoni tinvolvi, minn naħa, l-abolizzjoni, bejn l-Istati Membri, ta' dazji doganali fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni u kull piż b'effett ekwivalenti għal dawn id-dazji u, min-naħa l-oħra, l-adozzjoni ta' tariffa doganali komuni għan-negozju bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi.

28 Jikkostitwixxi piż b'effett ekwivalenti, fis-sens ta' l-Artikoli 23 KE u 25 KE, kull piż finanzjarju, irrispettivament mill-isem u mill-metodu ta' impożizzjoni tiegħu, impost unilateralment fuq merkanzija minħabba li tkun qasmet fruntiera, meta ma jkunx dazju doganali fil-veru sens tal-kelma, anki jekk dan il-piż finanzjarju ma jkunx impost għall-beneficċju ta' l-Istat (ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tat-8 ta' Novembru 2005, Jersey Produce Marketing Organisation, C-293/02, Ġabra p. I-9543, punt 55, u tat-8 ta' Ġunju 2006, Koornstra, C-517/04, Ġabra p. I-5015, punt 15).

29 Fir-rigward tat-tariffa doganali komuni, din hija intiża sabiex tinkiseb ugwaljanza bejn il-piżijiet doganali imposti, fil-fruntieri tal-Komunità, fuq il-prodotti importati minn pajjiżi terzi, bil-għan li tiġi evitata kull distorsjoni fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa interna jew fil-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni (sentenzi Indiamex u De Belder, iċċitati iktar 'il fuq, punt 9, u kif ukoll tas-7 ta' Novembru 1996, Cadi Surgelés *et*, C-126/94, Ġabra p. I-5647, punt 14).

30 Fil-fatt, kemm l-uniċità tat-territorju doganali Komunitarju kif ukoll l-uniformità tal-politika kummerċjali komuni jkunu mhedda b'mod gravi li kieku l-Istati Membri kienu awtorizzati li jimponu, b'mod unilaterali, taxxi b'effett ekwivalenti għal dazji

doganali fuq l-importazzjonijiet li jiġu minn pajjiżi terzi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Aprile, iċċitata iktar 'il fuq, point 34).

31 Barra minn hekk, l-unjoni doganali timplika neċessarjament li tiġi ggarantita ċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-merkanzija bejn l-Istat Membri. Minnha nnifisha, din il-libertà ma tistax tkun kompluta jekk l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jostakolaw jew li jfixklu, bi kwalunkwe mod, iċ-ċirkolazzjoni tal-merkanzija fi tranżitu. Għaldaqstant, jeħtieġ li tiġi rikonoxxuta, bħala konsegwenza ta' l-unjoni doganali u fl-interess reċiproku ta' l-Istati Membri, l-eżistenza ta' prinċipju ġenerali ta' libertà ta' tranżitu tal-merkanzija ġewwa l-Komunità (sentenza SIOT, iċċitata iktar 'il fuq, punt 16).

32 L-Istati Membri jippreġudikaw il-prinċipju ta' tranżitu Komunitarju ħieles jekk japplikaw fuq il-merkanzija fi tranżitu fuq it-territorju tagħhom, inkluż fuq dik importata direttament minn pajjiż terz, dazji ta' tranżitu jew xi taxxa oħra f'dak li jirrigwarda dan it-tranżitu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza SIOT, iċċitata iktar 'il fuq, punti 18 u 19).

33 Barra minn hekk, ma teżisti l-ebda raġuni sabiex il-projbizzjoni ta' taxxi b'effett ekwivalenti għal dazji doganali tiġi interpretata b'mod differenti skond jekk huwiex involut kummerċ intrakomunitarju jew negozju mal-pajjiżi terzi rregolat minn ftehim bħall-Ftehim ta' Kooperazzjoni (ara s-sentenza Aprile, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39).

34 Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li għandu jsir l-eżami tal-mertu.

Fuq il-mertu

35 F'dan il-każ huwa paċifiku li ġiet imwaqqfa taxxa ambjentali, bis-saħħa tal-liġi ta' Sqallija, bil-għan li jiġu ffinanzjati investimenti intiżi għat-tnaqqis u għall-

prevenzjoni tar-riskji għall-ambjent, li jirriżultaw mill-preżenza ta' pajpijiet tal-gass li jkun fihom il-metanu, installati fit-territorju tar-Reġjun ta' Sqallija. It-trasport u d-distribuzzjoni tal-metanu in kwistjoni jsiru permezz ta' pajpijiet tal-gass ikklassifikati bħala "pajpijiet tat-tip 1" fis-sens tad-Digriet Ministerjali ta' l-24 ta' Novembru 1984, u konnessi mal-pajpijiet transmediterranji li jittrasportaw gass li jiġi mill-Alġerija.

36 Skond l-Artikolu 6(3) tal-liġi ta' Sqallija, il-fatt li jagħti lok għat-taxxa ambjentali huwa d-dritt ta' proprjetà tal-pajpijiet tal-gass, li jkun fihom il-gass, li jaqsmu it-territorju tar-Reġjun ta' Sqallija.

37 F'dan ir-rigward, fl-osservazzjonijiet tiegħu, il-Gvern Taljan isostni li t-taxxa in kwistjoni ma tolqotx il-merkanzija iżda esklużivament l-infrastruttura ta' trasport. Madankollu, skond il-kliem ta' dan l-istess Gvern, it-taxxa in kwistjoni hija dovuta biss jekk il-gass ikun effettivament preżenti fl-infrastruttura.

38 Barra minn hekk, l-imsemmi Gvern ma jikkontestax il-fatt li l-unika installazzjoni li tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-impożizzjoni tat-taxxa previsti fil-liġi ta' Sqallija hija dik konnessa mal-pajpijiet tal-gass transmediterranji li tittrasporta gass naturali mill-Alġerija.

39 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li t-taxxa imposta skond il-liġi ta' Sqallija tikkostitwixxi piż fiskali, li jolqot merkanzija importata minn pajjiż terz, jiġifieri l-metanu Alġerin, bil-għan tad-distribuzzjoni u tal-konsum ta' dan il-gass fit-territorju Taljan jew tat-tranżitu tiegħu lejn Stati Membri oħra.

40 Issa, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 28 sa 33 ta' din is-sentenza, it-tali taxxa fuq merkanzija importata minn pajjiż terz, f'dan il-każ ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija, tmur kontra l-Artikoli 23 KE u 133 KE kif ukoll kontra l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni.

41 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, safejn il-gass Alġerin intaxxat taħt il-liġi ta' Sqallija jiġi importat fl-Italja u sussegwentement esportat lejn Stati Membri oħra, l-impożizzjoni tat-taxxa in kwistjoni tista' taffettwa l-kummerċ intrakomunitarju, bi ksur ta' l-Artikolu 25 KE.

42 Fl-aħħar nett, fir-rigward ta' l-argument tal-Gvern Taljan li r-rikors tal-Kummissjoni huwa infondat peress li t-taxxa in kwistjoni kienet ġiet imposta biss bil-għan li jiġi mħares l-ambjent, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-ħtiġijiet tal-prinċipju ta' prekawzjoni, għandu jiġi mfakkar li t-taxxi b'effett ekwivalenti huma pprojbiti irrispettivament minn kull kunsiderazzjoni ta' l-għan li għalih kienu ġew stabbiliti kif ukoll mid-destinazzjoni tad-dħul iġġenerat minnhom (ara s-sentenza tad-9 ta' Settembru 2004, Carbonati Apuani, C-72/03, Ġabra p. I-8027, punt 31).

43 Rigward l-Artikolu 26 KE u l-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni, għandu jiġi kkonstatat li, fihom infushom, dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprovdu l-ebda kriterju ġuridiku suffiċjentement preċiż sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni tat-taxxa stabbilita mil-liġi ta' Sqallija.

44 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li, billi daħħlet fis-seħħ taxxa ambjentali li tolqot il-metanu li jiġi mill-Alġerija, ir-Repubblika Taljana naqset mill-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 23 KE, 25 KE et 133 KE kif ukoll taħt l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni.

## Fuq l-ispejjeż

45 Skond l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-Repubblika Taljana tilfet, għandha tiġi ordnata tbati l-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi

**1) Billi daħħlet fis-seħħ taxxa ambjentali li tolqot il-metanu li jiġi mill-Alġerija, ir-Repubblika Taljana naqset mill-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 23 KE, 25 KE, u 133 KE, kif ukoll taħt l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija, iffirmat f'Alġiers fis-26 ta' April 1976 u approvat f'isem il-Komunità permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2210/78, tas-26 ta' Settembru 1978.**

**2) Il-bqija tar-rikors huwa miċħud.**

**3) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata tbati l-ispejjeż.**

Firem